**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 10

**Jane Farrugia u Alison Mifsud**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# *L-użu tat-tagħlim tematiku fil-Proċess tal-Kitba*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Is-sillabu ta' l-iskola primarja huwa għalik ġabra ta' suġġetti separati?
Il-kitba hija bbażata biss fuq il-lezzjoni tal-komponiment ta' l-Ingliż u tal-Malti?
Kif tista tintegra l-kitba mas-suġġetti l-oħra fis-sillabu?

Dan il-'workshop' jurik kif tista' tuża l-proċess tal-kitba fit-tagħlim tematiku. L-għan ewlieni hu li naraw kif nistgħu ngħaqqdu t-tagħlim tas-suġġetti diversi sabiex l-istudent jibbenefika aktar. Ser ikollna ċ-ċans li nippruvaw din is-sistema flimkien u nuru kif din taħdem realment fil-klassi.

## Nota Bijografika

Jane Farrugia Buhagiar, B. Ed. (Hons.) ilha tgħallem fi skejjel primarji statali għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena lil studenti ta' etajiet u abbiltajiet differenti. F'Novembru 2001 ippartecipat *f' 'Weekend Writing Workshop'* immexxi mill-'Malta writing Programme' (MWP) b'kollaborazzjoni ma' l-Universita ta' *Northern Arizona* u n-'National Writing Project (NWP) ta' l-Istati Uniti. Minn hemm bdiet tiffoka aktar fuq il-proċess tal-kitba. Ipparteċipat f'diversi '*Writing Conventions*' u '*Professional Development Sessions'* immexxija mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi. F'April 2005 ħadet sehem fil-ħames '*Invitational Writing Institute*' organizzat mill-MWP. Fil-klassi tuża l-Proċess tal-Kitba f'diversi aspetti tal-kurrikulu permezz ta' tagħlim tematiku.

Alison J. Mifsud A.L.C.M. ilha tgħallem għal dawn l-aħħar tlettax-il sena fi skola primarja statali. Għallmet tfal ta' etajiet u livelli differenti. Fl-istess ħin kienet ukoll tgħallem tfal bi bżonnijiet speċjali fit-tagħlim. Ipparteċipat f''*Writing Process Weekend'* immexxi mill-MWP b'kollaborazzjoni ma' l-Universita ta' *Northern Arizona* u l-NWP ta' l-Istati Uniti. Wara dan il-*Weekend* ħasset il-bżonn li tattendi għall-ħames '*Invitational Writing Workshop'* organizzat mill-MWP. Barra minn hekk attendiet għal diversi '*Writing Conventions*' u '*Professional Development Sessions*' organizzati mill-FES. Bħalissa qiegħda timplimenta l-proċess tal-kitba flimkien mat-tagħlim tematiku fil-klassi tagħha.